MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 133/2003

**Carmelina u Joseph konjugi Bonnici**

**Vs**

**Robert u Alexia konjugi Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremettew illi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta’ ghaxart elef hames mija hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm 10, 575), rapprezentanti self brevi manu mill-atturi lill-istess konvenuti (Dok A);

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-imsemmi bilanc izda baqghu inadempjenti;

Illi l-imsemmi kreditu ta’ l-atturi huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu l-atturi, l-konvenuti m’ghandhom

ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta'din is-somma, kif jidher mill-affidavit ta' Joseph Bonnici hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi ghalhekk jezisti l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk l-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-atturi bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12); u
2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' ghaxart elef hames mija hamsa u sebghin liri Maltin (Lm 10,575) fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut Robert Portelli li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat illi l-konvenuta Alexia Portelli permezz ta' nota pprezentata fis-6 ta' Novemebru 2003 ammettiet t-talbiet attrici;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati fil-kontront taz-zewg konvenuti; tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-imghax u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------